MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2005

Appell Civili Numru. 311/1997/1

**Martin Azzopardi**

**vs**

**Giuseppa Azzopardi**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fit-12 ta' Frar 1997 Martin Azzopardi ("l-attur"/ "l-appellat") intavola citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kontra martu Giuseppa Azzopardi ("il-

konvenuta"/"l-appellanti") ghall-firda personali minn maghha, kif ukoll ressaq numru ta' talbiet ohra ancillari sussegwenzjali u konsegwenzjali kif dedotti fl-istess citazzjoni.

2. Il-konvenuta kkontestat il-kawza b'diversi eccezzjonijiet fosthom fir-rigward tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti.

3. Il-partijiet inghataw l-opportunita` li jressqu l-provi li kellhom bzonn, u l-ewwel Qorti taghthom ukoll l-opportunita` li jaghmlu s-sottomissjonijiet li deherilhom neccessarji. Imbaghad dik il-Qorti (issa bhala Qorti Civili – Sezzjoni tal-Familja) ghaddiet biex ippronunzjat is-sentenza taghha fl-udjenza tas-27 ta' Jannara 2004. Id-dispozittiv ta' l-istess sentenza jaqra hekk:
"...ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt **li tichad it-talbiet enumerati (e) (g) (j), tilqa' t-talbiet attrici enumerati (a) (b) (c) (d) (f) (h) (i) (k) (l) (m) u (n)** biss fis-sens u kif hawn deciz b'dan illi:-

"(a) Illi l-kontendenti ghandhom jigu mifruda skond il-ligi miz-zwieg taghhom li sehh nhar il-21 ta' Jannar 1989, gewwa San Pawl il-Bahar, skond ic-certifikat taz-zwieg relattiv;

"(b) Illi ghandha tigi ordnata l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Azzopardi, biex b'hekk jispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien (**artikolu 35**);

"(c) Illi l-firda ta' bejn il-kontendenti konjugi sehhet minhabba sevizzi u offizi gravi da parti taz-zewg partjiet fil-konfront ta' xulxin u wkoll minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli billi z-zwieg tkisser irremidjabbilment (**artikolu 40**);

"(d) Illi peress li l-htija tal-firda hi attribwibbli liz-zewg partjiet fi grad indaqs bejniethom, l-istess partijiet qed

jitilfu fil-konfront ta’ xulxin il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 633(a), 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili** anke b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48(1)(a) tal-Kap 16;**

“(e) Tichad din it-talba *stante* li ma giex ippruvat li l-konvenuta Giuseppa Azzopardi kienet ukoll hatja ta’ adulterju.

“(f) Illi l-partijiet ghandhom jitlfu dak kollu li kisbu minghand il-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb ta’ zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit u dan b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48(1)(b) tal-Kap 16**;

“(g) Tichad din it-talba *stante* li fl-opinjoni ta’ din il-Qorti ma ghandhiex tapplika ghall-kaz in ezami;

“(h) Illi tilqa’ din it-talba fis-sens li kull parti titlfet il-jedd li titlob jew tezigi l-hlas ta’ manteniment minghand il-parti l-ohra b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48(1)(d) tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partijiet.

“(i) Illi tilqa’ din it-talba u tapplika l-effetti ta’ l-**artikoli 51, 52 u 53, tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dan bl-applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48(1)(a)(b) u (d) tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partjiet.

“(j) Illi din it-talba qed tigi michuda.

“(k) Illi tilqa’ din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data tat-2 ta’ Ottubru 1996, id-data meta l-attur beda l-proceduri ghas-separazzjoni quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

“(l) Illi tilqa’ din it-talba b’dan li kull naha mill-kontendenti konjugi Azzopardi ghandha titlef u tirrinunzja l-jedd tas-successjoni tal-parti l-ohra u dan b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48(1)(a)** fil-konfront taz-zewg partjiet.

“(m) Illi tilqa’ din it-talba u l-konvenuta Giuseppa Azzopardi sive Josephine Stevens nee` Chetcuti, ghandha tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe` ‘Chetcuti’,

u dan skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 62 tal-Kodici Civili**.

“(n) Illi din l-Onorabbli Qorti *in vista* tax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti u tddikjara li din tikkonsisti fil-flat “Philips”, f”Resort Street. San Pawl il-Bahar u l-kont bankarju Numru 152 –0333501 – 7 fil-Bank of Valletta plc, fl-ammont ta’ tlett mija u sebgha u disghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm397.79), u tordna li l-immobbli indikat ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat ta’ l-istess ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kont bankarju ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li l-konvenuta ghandha tigi moghtija mill-attur nofs l-ammont hekk depozitat.

“Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, hlief dawk tat-talbiet hawn michuda li ghandhom jibqghu a karigu ta’ l-attur.”

4. Ghall-kompletezza, kopja shiha tas-sentenza appellata qeghdha tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha u dana peress li s-sentenza appellata fiha l-konsiderazzjonijiet kollha li wassluha ghad-decizjoni taghha, kif ukoll tirriproduci t-talbiet kollha ta’ l-attur kif ukoll l-eccezzjonijiet kollha li ressqet il-konvenuta.

**<u>II. L-APPELL</u>**

5. Il-konvenuta intavolat appell minn din is-sentenza b’rikors ta’ l-appell ipprezentat fis-16 ta’ Frar 2004. Wara li spjegat l-aggravji taghha l-appellanti ressqet is-segwenti talba quddiem din il-Qorti:

“...li l-istess sentenza tigi konfermata rigwardanti d-domanda attrici li l-esponenti kienet ikkommettiet adulterju; li l-istess sentenza tigi modifikata billi jigi dikjarat li l-eccessi, l-mohqrija, theddid u ingurji gravi saru unikament mill-attur; li s-sentenza tigi konfermata illi l-konvivenza bejn il-partijiet ma tistax tkompli; li ghal dak li jirrigwarda l-beni parafernali s-sentenza tigi riformata billi jigi dikjarat li l-fond “Philips”, Resort Street, San Pawl il-Bahar ma jappartjenix lill-komunjoni ta’ l-akkwisti, izda

jappartjeni biss lill-appellanti ghar-ragunijiet fuq esposti; li l-ewwel sentenza tigi konfermata fis-sens li ebda manteniment ma ghandu jinghata minn ebda parti tal-kontendenti lill-parti l-ohra; li l-istess sentenza tigi konfermata billi l-kontendenti jigu mifruda miz-zwieg, tigi ordnata l-firda personali taghhom; li l-appellanti ghandha dritt tirriverti ghall-kunjom ta' Chetcuti, li ordnat ix-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u li l-ispejjez taz-zewg istanzi jigu sopportati mill-attur appellat."

6. L-attur ikkontesta l-appell li gie mressaq mill-konvenuta, li jikkwalifikah bhala frivolu u vessatorju u talab li jigi michud billi ma hemm l-ebda bazi legali u lanqas fattwali ghall-istess appell.

7. L-attur inqeda' mill-appell maghmul mill-konvenuta, biex ressaq appell incidentali li permezz tieghu kkontesta l-partijiet tas-sentenza fejn huwa kien sokkombenti.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

8. L-ewwel aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fil-fatt illi meta nghatat is-sentenza l-attur kien rikoverat fl-isptar Monte Carmeli, u kwindi ma kellux legalment *locus standi* fil-kawza. Fir-rikors ta' l-appell taghha, l-appellanti rrilevat hekk:

"Illi fl-udjenza tas-27 ta' Jannar 2004 id-difensur ta' l-appellanti, prezenti fl-Awla, irrileva lill-Qorti li l-attur kien ilu rikoverat fl-isptar Monte Carmeli ghall-izjed minn xahar u li ghalhekk, proceduralment, il-Qorti kellha tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex l-attur ikun legalment rapprezentat."

8. Jirrizulta mill-verbal redatt fl-udjenza fis-27 ta' Jannar 2004 mill-ewwel Onorabbli Qorti li dakinhar kienet dehret biss il-konvenuta li kienet assistita mid-difensur taghha. Il-verbal ikompli hekk: "il-konvenuta giet infurmata li l-attur gie rikoverat fl-isptar Monte Carmeli. Il-kawza giet deciza." Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan l-aggravju mhux legalment sostenibbli u jirrazenta l-fieragh. Dan ghaliex il-kawza thalliet ghas-sentenza fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2003, meta giet differita ghas-27 ta' Jannar 2004 ghas-sentenza. Illi ghalhekk l-allegat rikoveru ta' l-

attur fl-isptar Monte Carmeli sehh wara li l-kawza kienet diga` thalliet ghas-sentenza, f'liema kaz l-allegata legittimazzjoni ta' l-atti ma kenitx mehtiega skond il-ligi. Jista' jinghad ukoll li l-konvenuta ma ssostantjatx l-allegazzjoni taghha dwar l-istat ta' sahha mentali ta' l-attur u lanqas resqet xi talba biex jinhatar kuratur *ad litem* skond il-ligi ghall-istess attur, u dan m'ghamlitux lanqas fil-mori ta' dan l-appell. Konsegwentement dan l-ewwel aggravju ta' l-appellanti qieghed jigi respint.

9. Bit-tieni aggravju taghha l-appellanti qeghdha tallega li fond f'San Pawl il-Bahar li jissemma' fl-att tac-citazzjoni inxtara bi flus li kienu jappartjenu lilha qabel iz-zwieg. L-appellanti tkompli tghid:
"...illi l-attur b'ebda mod ma ressaq prova li huwa ikkontribwixxa xi haga ghax-xiri tal-fond f'San Pawl il-Bahar, u dana qieghed jigi sottomess ghaliex huwa fix-xhieda tieghu, ripetutament, allega li kien ikkontribwixxa b'fondi migbuda mill-Bank, waqt li l-Bank ma gieb ebda prova li l-attur kellu depositi li seta' jirtirahom biex jikkontribwixxi ghax-xiri ta' l-istess fond, cahad li jaghti awtorizzazzjoni lill-konvenuta biex il-Banek jaghtu informazzjoni fi zmien li nxtara l-fond xi flus kellu l-attur u kemm minnhom hareg; wara l-attur allega li l-flus li hareg kien izommhom id-dar..."

10. Is-sentenza appellata tikkontjeni riassunt korrett tal-provi li ressqu l-partijiet. Evidentement b'dan l-aggravju l-appellanti qeghdha tikkontesta l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Huwa risaput li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li taghmel l-ewwel Qorti jekk minn ezami li taghmel din il-Qorti jirrizultalha li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonavolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha fis-sentenza taghha. Din il-Qorti tasal biex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti biss jekk fil-fehma taghha tali apprezzament ikun manifestament zbaljat u ghalhekk tintervjeni biex tikkoregi dan l-izball u tevita li ssir ingustizzja lejn parti jew ohra.

11. Il-Qorti tinnota li mill-bidu nett il-konvenuta allegat li hija kellha assi taghha partikolari li kellu jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Fid-dikjarazzjoni tal-konvenuta imwettqa bil-gurament u li tinsab annessa man-nota ta' l-eccezzjoni taghha, il-konvenuta tistqarr li l-assi konsistenti l-komunjoni ta' l-akkwisti sar principalment bil-fondi parafernali taghha. Nonostante li l-konvenuta kellha ampja opportunita` biex, jekk riedet, taghmel il-prova ta' l-allegazzjoni taghha, hija naqset li taghmel prova sodisfacenti ta' dak li allegat ghaliex, kif sewwa qalet l-ewwel Onorabbli Qorti, l-unici provi li ressqet il-konvenuta kienu r-rapprezentanti tal-banek sabiex dawn jixhdu dwar il-kontijiet bankarji f'isem l-attur. Ma giex kontestat li l-fond in kwistjoni nxtara matul iz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk, skond il-ligi dan il-fond kellu jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti. L-appellanti qeghda tallega li dan il-fond inxtara minn flus prokurati interament minnha, u cioe` mill-flus li kellha qabel iz-zwieg. Pero` hija naqqset li taghmel prova sodisfaccenti ta' din l-allegazzjoni taghha meta l-oneru tal-prova kien fuq spallejha u fuq spallejha biss. Huwa veru li, kif sewwa rrimarkat l-appellanti, l-attur wera inkonsistenza fix-xiehda tieghu, pero` dan il-fatt ma jimplikax li allura l-allegazzjoni ta' l-appellanti kellha titwemmen, meta din ma kenitx sorretta bi provi sufficjenti. Illi ghalhekk anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellanti m'hemmx lok li jintlaqa', u konsegwentement l-appell principali hemm lok li jigi michud.

12. Il-Qorti sejra tghaddi issa biex tezamina l-appell incidentali li ressaq l-attur. Huwa qieghed jallega li l-konvenuta appellanti tahti li bl-agir taghha versu lejh kissret l-effetti ta' l-Artikolu 40 tal-Kodici Civili u li f'dan is-sens il-konvenuta kellha tinstab li kienet il-parti li ghamlet il-hajja konjugali bejn il-kontendenti impossibbli biex titkompla. L-attur appellat issottometta wkoll li huwa ma jaqbilx li d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48(1)(a)(b) u (d) ghandhom ikunu applikati fil-konfront tieghu. Huwa jissottometti wkoll li ghandha tkun il-konvenuta appellanti biss li titlef il-jeddijiet imsemmijin fl-Artikolu 631, 633, 633(a), 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili anke

b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 48(1)(a) tal-Kodici Civili, u dana billi rega' sahaq li z-zwieg bejn il-kontendenti kien tkisser irrimejabbilment b'tort unikament tal-konvenuta appellanti.

13. B'dana l-aggravju tieghu l-konvenut qieghed ukoll jikkontesta l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti tal-provi akkwiziti fil-process. Dak li din il-Qorti qalet fir-rigward tat-tieni aggravju ta' l-appellanti jghodd ukoll ghal dana l-aggravju li qed jitressaq fl-appell incidentali tal-konvenut, u cioe` li din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun gie maghmul mill-ewwel Onorabbli Qorti jekk din il-Qorti tara li dik l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Din il-Qorti ezaminat il-provi u tikkondividi dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti u thoss li kull repetizzjoni ohra tkun inutli. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju ta' l-attur appellat qieghed jigi michud.

14. Fl-appell incidentali tieghu l-attur qieghed jishaq li l-ispejjez gudizzjarji jew extra gudizzjarji ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuta appellanti biss, kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll ta' din l-istanza, u dan ghal ragunijiet li huwa semma' fir-risposta tieghu. Din il-Qorti jidhrilha li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament sostanzjalment korrett u gust tal-provi akkwiziti fil-process u waslet ghall-konkluzjonijiet legali korrettement li jemanaw mill-istess provi. Il-htija tal-firda tinsab attribwita liz-zewg kontendenti fi grad indaqs bejniethom u ghalhekk il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar il-kap ta' l-ispejjez hija gusta, kif hija gusta wkoll il-konkluzjoni li biha l-ewwel Qorti kkundannat l-attur ihallas l-ispejjez konnessi mat-talbiet li huwa ressaq quddiemha u li gew minnha michuda. Konsegwentement anke dan l-aggravju ta' l-attur appellat ma jistax jintlaqa'.

15. Ghal dawn il-motivi fil-waqt li tirrespingi l-appell principali tal-konvenuta appellanti, tirrespingi wkoll l-appell incidentali li tressaq mill-attur appellat. Ghalhekk tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-27 ta' Jannar 2004 fl-interita` taghha.

L-ispejjez ta' din l-istanza konnessi ma' l-appell principali tal-konvenuta appellanti huma kollha a karigu taghha, waqt li l-ispejjez konnessi ma' l-appell incidentali ta' l-attur appellat ghandhom jigu sapportati minnu biss.

Deputat Registratur
df

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti moghtija fis-27 ta' Jannar 2004 qeghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------